# Beati u Qaddisin ...Frar

FRAR 25

## BEATU SEBASTJAN, frangiskan.



Mariano S. Maella, Visione del Beato Sebastiano dell'Apparizione, Museo del Prado, Madrid

Twieled fis-sena 1502. Kien bidwi umli mill-provincja spanjola tal-Galizia.

Il-familja tieghu kienet familja fqira u ghadda t-tfulija tieghu jirgha' il-merhliet. Meta kellu 15 il-sena l-genituri tieghu ppreferew li jibghatuh biex ikun qaddej ta' wahda armla li jidher li ma kienitx ta' kostumi tajba u ghalhekk hu harab. Huwa impjega ruhu bhala qaddej personali ta' sinjur minn Salamanka. Imma qalbu kienet marbuta mal-kampanja u ghalhekk, wara xi zmien, telaq l-impjieg tieghu biex jerga' jibda' il-hajja ta' rghaj. Bix-xoghol  huwa gemma fortuna li biha ta dota lil huti bniet. Sebastjan ma riedx jizzewweg u telaq lejn l-Amerka.

Wasal fil-Messiku u stabbilixxa ruhu fi Puebla degli Angeli. Huwa hadem hafna biex il-kommunikazzjonijiet permezz tat-toroq bejn Zacatecas u l-belt tal-Messiku jsiru mezzi mill-aktar sviluppati. Billi huwa baqa' jhobb il-hajja awstera, hu qassam il-gid li akkwista mill-hiliet tieghu fost dawk li kienu fil-bzonn.  Kien jislef ukoll minghajr imghax.

Il-fama tieghu kibret kemm fost l-ispanjoli li emigraw lejn il-Messiku kif ukoll fost l-indigeni.  Kull meta kien jinqala' xi ntopp erhilhom javvicinaw lil Sebastiano biex jirrisolvi l-kazijiet. Huwa rtira mill-hajja attiva fis-sena 1552 u xtara bicca art agrikola qrib il-belt tal-Messiku biex hemm jiehu hsieb l-annimali.

Ta' sittin sena huwa zzewweg. L-ewwel mara tieghu li hu zzewweg fuq insistenza tal-familja taghha mietet ftit wara u hekk gralu meta zzewweg ghat-tieni darba. Iz-zewg zwiegijiet qatt ma kienu kkunsmati bi ftehim reciproku.

Meta kellu 72 sena zarithu marda kiefra, imma fieq minnha minghajr ma kien jistenna. Dan il-fejqan interpretah bhala grazzja divina, miraklu. Ghaldaqstant huwa qassam gidu kollu lis-sorijiet tal-Klarissi u dahal terzjarju frangiskan fil-belt tal-Messiku. Huwa gie mibghut gewwa Puebla fejn kien hemm kommunita kbira.  Hemm kien osservanti hafna fl-umilta' u l-ubbidjenza minkejja li kien avvanzat fiz-zmien. Barra li ried jaghti glorja lil Alla ried ikun ta' ezempju tajjeb ghall-hutu l-patrijiet.

Dam jghix f'din il-hajja ghal 26 sena. Miet meta kellu kwazi mitt sena, fil-25 ta' Frar tas-sena 1600. Kulhadd beka' it-telfa tieghu.  Kien il-Papa Piju VI f'Mejju 17 tas-sena 1789 li ddikjarah beatu.